MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Numru. 36/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Mario Said, ta' 51 sena, bin Joseph u Michelina nee' Grima, imwieled Victoria nhar it-28 ta' Settembru 1958, residenti fil-fond numru 17, Dun Gorg Preca Street, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 52358(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Said li gie akkuzat talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn il-21 u it-22 ta' Mejju 2008 gewwa Ta' Sufa Triq il-Bardan, Sannat, Ghawdex:

a. seraq ziemel b'isem ta' Ricard The Poo valur ta' €800, tmien mitt ewro ghad-detriment ta' John Vella, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, persuna, lok u mezz.
b. U aktar talli rrenda ruhu recidiva ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
c. U aktar talli kiser l-ordni ta' probation imposta fuqu ai termini ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat li seraq ziemel bl-isem ta' Ricard The Poo, a detriment ta' John Vella. Illi wara li l-Qorti semghet ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni, id-difiza ghogobha tissolleva l-eccezzjoni tad-demenza tal-imputat fil-mument tal-kummissjoni tar-reat u dana fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2009. Illi l-Qorti ghalhekk fid-dawl tal-eccezzjoni sollevata mid-difiza innominat lil Dr. Joseph Vella Baldacchino bhala espert psikjatriku u dana sabiex jikkonstata jekk l-imputat kemm fi-zmien tal-kummissjoni tar-reat, kif ukoll matul il-proceduri quddiem il-Qorti kellux "*la capacita' di intendere e di volere*."

Illi ghalhekk qabel ma dina l-Qorti tghaddi sabiex tezamina l-atti processwali, ser tezamina l-eccezzjoni sollevata mid-difiza u jekk l-istess hijiex fondata o meno.

Illi l-espert psikjatriku esebixxa r-relazzjoni tieghu fl-10 ta' Dicembru 2009 fejn huwa wasal ghall-konkluzjoni illi l-imputat ibati mill-kundizzjoni imsejjha ***Bipolar disorder*** u li fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat huwa kien waqaf minn jeddu jiehu l-kura li kellu bzonn ghal dina l-kundizzjoni. Ghaldaqstant huwa kellu "relapse". Apparti dina l-kundizzjoni huwa jghid illi l-imputat kien qieghed jabbuza mid-droga u wkoll kellu xi problemi finanzjarji li ghalhekk iktar aggravaw il-kundizzjoni tieghu.[1] Ikompli jghid illi ftit gimghat wara li tressaq il-Qorti fuq dana l-kaz huwa ddahhal gewwa l-isptar ta' Ghawdex, fit-taqsima psikjatrika (Short Stay Ward) fejn hemmhekk huwa rega beda jircevi l-kura li kellu bzonn u ghadu jircevi l-istess kura sal-lum u ghalhekk il-kundizzjoni tieghu stabbilizzat ruhha.

Illi d-disturbi Bipolari huma wieħed mill-kundizzjonijiet mediċi diversi imsejħa disturbi depressivi. Disturbi Depressivi jaffettwa l-mod kif jiffunzjona l-moħħ ta' persuna. Din tikkawza bdil fil-burdata fis-sens illi jkun hemm mumenti meta wiehed ihossu fi stat ewforiku u mumenti ohra fejn imbaghad wiehed ihossu bla energija, bid-dwejjaq fejn wiehed ikollu sintomi ta' depressjoni u manija fl-istess hin. Izda jista' wiehed jasal ghal konkluzjoni illi persuna li tbati minn dina l-kundizzjoni u tkun fil-fazi akuta taghha tkun qieghda fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi?

Illi l-artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment:
"Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta' kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas kienet fi stat ta' genn."
Illi esposizzjoni eccellenti tal-ligi in tema ta' demenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali saret f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Marzu 2010 fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri fejn saret referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (diversament komposta) fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri** tal-25 ta' Settembru 2008:

[1] Ara rapport ta' Dr. Joseph Vella Baldacchino Dokument JVB a fol. 122 et seq.

**“Kif inhu risaput, l-espressjoni “stat ta’ genn” fil-paragrafu (a) ta’ l-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma’ dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala “genn”. Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom *Criminal Law* : “‘*It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder*.’**

**“Fi kliem iehor, persuna tista’ tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta’ kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi “stat ta’ genn” ghall-finijiet ta’ l-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta’ genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt, li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument ta’ l-att ta’ kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta’ dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – *disease of the mind* bl-Ingliz – mhux necesarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – *in the brain*. Kif jispjega Lord Diplock fil -kaz ta’ *Sullivan* [1984] AC 156, u b’referenza ghall-M’Naghten Rules – regoli, li wiehed m’ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` *di intendere*, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` *di volere:* –**

**“‘*The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time…But the meaning of the expression ‘disease of the mind’ as the cause of ‘a defect of reason’ remains unchanged for the purpose of the application of the M’Naghten rules…‘mind’ in the M’Naghten rules is used in the***

***ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rule, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act.*'**

**"U kif spjegat aktar fi *Blackstone's Criminal Practice 2008*:**

**"'*It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so*: *'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'* (per Lawton LJ in *Quick* QB 910 at p. 922, emphasis added).'**

**"L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi.**

**"Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:**

**"'The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away**

**the capacity to know the nature of his act or to help doing it.'"**

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa afflitt mill-kundizzjoni imsejha Bipolar Disorder jew Manic Depressive Disorder. Ma hemmx dubbju illi l-imputat ghandu bzonn kura kontinwa sabiex jikkontrolla dina l-kundizzjoni u dana sabiex ikun jista jghix hajja normali. Madanakollu mir-rapport psikjatriku jirrizulta illi l-imputat meta jkun qieghed jircevi l-kura huwa bniedem normali u jifhem dak kollu li jkun qed jigri madwaru. Illi anke fil-perijodi meta ma jkunx qieghed jircevi dina l-kura ghalkemm jidher illi huwa ma jkollux kontroll fuq l-azzjonijiet tieghu, madanakollu ma jidhirx illi huwa ma jkunx qieghed jifhem dak illi qieghed jaghmel. Fil-fatt l-imputat jiftakar tajjeb dak illi sehh fil-lejl li jinsab akkuzat dwaru, jaf dak illi ghamel u kapaci jirrakkonta u jfiehem x'wasslu sabiex jaghmel dak li dwaru illum jinsab akkuzat. Fil-fatt fir-rapport tieghu, l-espert psikjatriku ighid:

"**Il-kontenut tal-hsibijiet tieghu jista' jitqies bhala normali. Kien kapaci jirraguna u jifhem ir-raguni li ghaliha kien qed ikun mixli. Ma gie riskontrat l-ebda evidenza ta' xi disturb formali tal-hsieb u ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi deluzzjonijiet (dilirji). Ma gie riskontrat l-ebda abnormalita' fl-ebda wahda mill-modalita sensorjali, jigifieri ma kienx hemm evidenza ta' allucinazzjonijiet. F'dak li ghandu x'jaqsam ma' dak li huwa l-funzjonijiet konjittiv, huwa instab li kien orjentat ghal hin, post u persuna. L-attenzjoni u l-koncentrazzjoni tieghu instabu li kienu tajbin. Il-memorja tieghu ghal fatti remoti kif ukoll fatti recenti kienet mizmuma tajjeb. L-intelligenza tieghu tista' titqies bhala normali u ghandu habta jiddiskuti hafna l-affarijiet dwar negozju u ghandu tendenza li jimminimizza d-diffikultajiet li jista' jiltaqa' maghhom**." [2]

Dana kollu jwassal lil dina l-Qorti ghall-konkluzjoni illi ghalkemm l-imputat ma kienx qed jircievi l-kura li kellu

[2] Ara rapport tal-psikjatra a fol.127

bzonn fil-mument tal-kummissjoni tal-fatt li dwaru jinsab akkuzat, madanakollu huwa kien kapaci "*di intendere e di volere*" u kien ben konxju ta' dak kollu li kien qieghed jaghmel.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni sollevata mid-difiza a tenur tal-artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 qed tigi respinta.

Illi min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq. L-imputat huwa akkuzat li seraq ziemel ghad-detriment ta' John Vella. Illi r-retroxena li wasslet ghal dana l-incident hija wahda piuttost ikkulurita. Kif diga inghad *supra* l-imputat huwa bniedem li ghandu diversi problemi f'hajtu. Huwa mhux biss ibati mill-kundizzjoni tal-*bipolar disorder*, izda wkoll jabbuza kultant mid-droga, ghandu l-vizzju tal-loghob tal-azzard u ghalhekk ghandu diffikultajiet finanzjarji serji tant illi huwa jberbaq il-flus kollha li jkollu u sahansitra anke spicca *homeless* u minghajr il-flus biex jixtri l-affarijiet bazici ghall-ghejxien dicenti. Illi f'dina s-sitwazzjoni vulnerabbli ghalhekk huwa komuni illi jkun hemm min japprofitta mill-mumenti dghajfa tal-persuna. Il-Qorti hija konvinta illi huwa proprju dan li sehh fil-kaz in dizamina. Jidher illi l-imputat kien ghadda xi proprjeta derivanti minn xi wirt lil John Vella u li dana Vella kien ghad fadal jaghti xi flus lill-imputat. Dana jistqarru mhux biss l-imputat izda anke x-xhud Rachel Dingli li hija s-segretarja ta' John Vella li tghid illi dan Vella kien xtara xi proprjeta minn ghand l-imputat.[3] Jidher ukoll illi l-imputat huwa dilettant taz-zwiemel. Mill-provi akkwiziti jidher illi l-imputat kien xtara dana z-ziemel bl-isem ta' Ricard the Poo minghand certu Marco Debono, izda kien ghadu ma hallsux il-prezz kollu, ghalhekk dana Marco Debono rega ha z-ziemel minghand l-imputat. Izda l-imputat ried dana z-ziemel lura u ghalhekk John Vella, il-parti leza kien accetta li jhallas il-prezz taz-ziemel sabiex Mario Said ikun jista' jiehdu lura u b'hekk saret l-iskrittura Dokument JM2 datata 19 ta' Mejju 2008. [4] F'dina l-iskrittura jidher illi z-ziemel inxtara f'isem John Vella, izda anness ma' dana d-

[3] Ara xhieda ta' Rachel Dingli a fol.56 u 57
[4] Ara xhieda ta' Peter Paul Zerafa a fol.51 u ta' Marco Debono a fol.53

dokument hemm dokument iehor (esebit a fol.33) minn fejn tirrizulta dikjarazzjoni maghmula mill-imputat illi l-vertenzi li kien hemm bejnu u bejn Marco Debono gew pacuti bis-sahha tal-ftehim Dokument JM2. Dana kollu ghalhekk jikkonferma r-retroxxena li wasslet sabiex John Vella jhallas lil Debono il-prezz taz-ziemel u li ssir skrittura illi kien John Vella li kien qed jixtri dana z-ziemel. L-imputat isostni madanakollu illi z-ziemel minn dejjem kien u baqa' tieghu ghalkemm saret dina l-iskrittura u dana peress illi John Vella kien ghad baqalu jaghtih xi flus fuq il-kompro-vendita tal-proprjeta immobbli. Jidher illi f'dana iz-zmien l-imputat kien qieghed ighix gewwa razzett proprjeta tal-istess Vella u ghalhekk huwa ha dana z-ziemel fl-istess razzett fejn kien jiehu hsiebu. Illi xi ftit tal-jiem wara jidher illi minhabba l-problemi finanzjarji li kellu l-imputat, huwa iddecieda li jbiegh dana z-ziemel lil certu Pasqualino Cefai ghal prezz ta' €600. Mill-flus li rcieva minghand Cefai huwa hallas €300 lil Peter Paul Zerafa peress illi kien iddejjen xi flus minn ghandu u l-kumplament nefaqhom fil-loghob tal-azzard. Illi l-imputat isostni illi dana z-ziemel kien tieghu. Dana jghidu kemm lis-Surgent Jason Xerri *a tempo vergine*, kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[5]. Ikompli jsostni dana tul dana l-*iter processwali* u fil-fatt anke lill-espert psikjatriku Dr. Joseph Vella Baldacchino huwa jerga' jghidlu illi z-ziemel huwa tieghu. Illi l-Qorti temmen bis-shih illi l-imputat kien u baqa' jemmen illi dana z-ziemel kien tieghu. Fil-fatt sahansitra Marco Debono stess ighid:

"Jiena naf illi f'xi zmien Mario Said kien avvicinani sabiex inbieghlu ziemel bl-isem Ricard the Poo. Jiena ghedtlu li jekk mhux ser jaghtini l-flus, jiena mhux ser inbieghlu l-ebda ziemel. Hu ghalhekk qalli, "ejja ghand John  Vella halli jaghtik il-flus hu." Ghalhekk jiena mort ghand John Vella u tani l-flus hu. Nghid illi ahna ghamilna bicca karta bejnietna fejn jiena iddikjarajt li bieghtilhom iz-ziemel. Nghid illi pero' Giovann hallasni ghal dan iz-ziemel. … Dana z-ziemel kien gie ghandi peress illi xi zmien qabel kont xtrajtu minn ghand Mario Said … Jiena kont ilni madwar hmistax-il gurnata li xtrajtu minn ghand Mario Said dan iz-ziemel meta mbaghad ergajt bieghtu …

[5] Ara stqarrija Dokument JM1 a fol.30

nahseb illi fil-fatt Giovann Vella xtara dan iz-ziemel ghax riedu Mario Said. Naqbel ma dak li qed jigi suggerit lili mid-difiza illi Giovann Vella mhux dilettant taz-zwiemel."[6]

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat kien xtara dana z-ziemel minghand Debono xi zmien qabel izda peress illi kellu jaghti xi flus lil dana Debono, huwa hadlu z-ziemel. Jidher illi l-imputat madanakollu xtaq dana z-ziemel lura u ghalhekk John Vella hareg il-flus li kellu jaghti lil Debono sabiex l-imputat ikun jista' jiehu z-ziemel tieghu lura u saret l-iskrittura minn fejn jidher illi John Vella xtara dana z-ziemel u hallas il-prezz ghalih. L-imputat izda rega gie bzonn il-flus u iddecieda li jbiegh dana z-ziemel minghalih li dana kien tieghu u li seta' jaghmel dana u b'hekk ittrasferieh lil Pasqualino Cefai. Jidher illi Cefai hallas lill-imputat fi flus kontanti u dak il-hin stess huma baqghu sejrin lejn ir-razzett fejn kien qed jinzamm iz-ziemel u Cefai ghabba z-ziemel fit-trukk u hadu mieghu. L-imputat ghamel dana minghajr ebda habi u jidher illi dina t-transazzjoni saret mal-lejl peress illi Cefai kien nizel Malta fuq xoghol u irritorna fil-ghaxija.

Illi d-difiza ghalhekk tikkontendi illi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuza tas-serq peress illi huwa kien taht l-impressjoni li z-ziemel kien tieghu u li ghalhekk seta' liberalment jaghmel dana t-trasferiment. Illi ghalhekk il-*mens rea* necessarju ghar-reat tas-serq huwa ghal kollox nieqes.

Illi l-Carrara jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: "***Contrectatio*** *dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro.*"[7] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An análysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.

[6] Ara xhieda ta' Marco Debono a fol.53 sa 55
[7] Vide Criminal Appeal The Police vs Mario Tanti 09.12.1944

3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel esposizzjoni dettalji ta' dak li jghidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u il-Professur Mamo:

"*Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso*."

Il-Crivellari imbaghad ighid:
"*l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare*."

In the words of Luigi Maino (***Commento al Codice Penale Italiano*** [*terza ristampa della terza edizione*], UTET, 1922, vol. IV, pp. 13-14, para. 1842:
**"Nel reato di furto il dolo e` di doppia specie, cioe` generico, o consistente nella scienza e volonta` di fare cosa illegittima, e specifico, ossia dipendente dall'animo di lucro, che differenzia questo delitto da altra specie di reati contro la proprieta`. Per mancanza di dolo generico non risponde di furto chi abbia preso la cosa altrui per semplice disavvertenza; chi per errore creda esservi il consenso del proprietario al suo impossessarsi della medesima; chi in buona FEDE ha creduto trattarsi di cosa abbandonata."**

Bl-istess mod ghalhekk l-imputat ma jwegibx ghar-reat tas-serq jekk huwa kien taht l-impressjoni illi l-oggett mehud minnu kien jappartjeni lilu. Il-Qorti hawnhekk ghalhekk taqbel ma' dak sottomess mill-abbli difensur tal-imputat. Dana ghaliex certament l-ewwel tlett elementi necessarji ghar-reat tas-serq kif esposti mill-Professur Mamo huma f'dana l-kaz neqsin. Ma hemmx l-element tat-tehid ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor mehud bil-qerq. Dana ghaliex jerga' jinghad illi l-imputat, li baqa' dejjem

isostni illi z-ziemel kien tieghu, ghalhekk haseb li kellu kull dritt illi jittrasferixxi dana z-ziemel lil terzi u kwindi qatt ma jista' jinstab hati li kellu l-*mens rea* biex jikkometti s-serq. Illi l-Qorti hija tal-fehma kif diga nghad iktar 'il fuq illi l-imputat f'dana l-kaz huwa iktar il-vittma tac-cirkostanzi ta' hajtu milli d-delinkwent!

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu peress illi l-istess ma humiex legalment ippruvati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------